IM22ok.12s

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# KULTURI DIFFERENTI F'SOĊJETÀ MALTIJA WAĦDA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IT-TRAFFIKU F'MALTA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22ok.12s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |

## GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# F'MALTA HAWN IKTAR *MOBILES* MILLI NIES: VANTAĠĠI U ŻVANTAĠĠI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Kulturi Differenti f'Soċjetà Maltija Waħda

- F'Malta jgħixu ġnus differenti, nies li twieldu f'pajjiżi barranin imma llum għandhom darhom fil-gżejjer Maltin.
- Taf nies barranin li jgħixu Malta? Hemm minnhom min jaf jitkellem bil-Malti? Ħafna Għarab li jgħixu Malta jitkellmu l-Malti sew, imma anki barranin oħrajn.
- Taqbel li dawk il-barranin li jitkellmu bil-Malti għandhom iktar ċans jintegraw fis-soċjetà Maltija? Jew ma tagħmilx differenza?
- Hawn ukoll emigranti Maltin li għexu (jew anki twieldu) barra u reġgħu lura Malta: tarahom bħala Maltin "ta' ġewwa" jew jibqgħu, ftit jew wisq, qishom Maltin "ta' barra"?
- Ħafna Maltin jassoċjaw il-kultura mar-reliġjon: taħseb li huwa iktar faċli għall-barranin Insara biex iħossuhom parti mis-soċjetà Maltija minn dawk il-barranin li mhumiex Insara?
- Imma anki fost il-Maltin stess jeżistu kulturi differenti: hemm dawk li huma Nsara u dawk li mhumiex, jew ma jipprattikawx ir-reliġjon tagħhom.
- Hemm Maltin li għandhom il-kultura tal-festi u dawk li ma jħossuhomx parti mill-kultura tal-festi.
- Hemm Maltin li għalihom il-lingwa Maltija tirrappreżenta l-kultura tagħhom u Maltin li jħossuhom Maltin minkejja li ma jitkellmux bil-Malti.
- Hemm post għal kulħadd fis-soċjetà Maltija?
- Kulturi differenti huma theddida għas-soċjetà Maltija jew jagħtuha aktar valur u aktar kulur?

## It-Traffiku f'Malta

- Skont statistika uffiċjali, f'Ottubru tal-2011 f'Malta kien hawn 310,409 vetturi fit-triq, li tliet kwarti minnhom kienu karozzi privati.
- Taqbel li din hija waħda mill-problemi ewlenin li qed jiffaċċjaw il-Maltin?
- Taħseb li l-Maltin huma konxji ta' din il-problema tat-traffiku?
- X'qed jiġri eżattament? X'konsegwenzi toħloq din il-problema tat-traffiku? Ħela ta' ħin, frustrazzjoni u rabja, emissjoni ta' aktar gassijiet fl-arja diġà mniġġsa tal-gżejjer Maltin, spejjeż akbar minħabba ż-żieda fil-konsum tal-petrol u d-*diesel*...
- Dan it-traffiku kollu kif jaffettwa l-ħajja ta' kuljum tal-Maltin u l-barranin li jgħixu jew iżuru Malta?
- X'konsegwenzi għandhom dawn il-vetturi kollha fuq l-ambjent, is-saħħa, l-ekonomija, il-kwalità tal-ħajja?
- Il-problemi akbar li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċiklisti, l-atleti u dawk li jħobbu joħorġu jimxu.
- Taħseb li din il-problema qed tikber? Kif? Għaliex?
- X'jistgħu jkunu s-soluzzjonijiet?
- Li n-nies jivvjaġġaw flimkien? Li jitjieb it-trasport pubbliku? Li jintużaw il-muturi u r-roti minflok il-karozzi? Li jintużaw iktar il-laneċ?

- Taħseb li l-Maltin huma lesti jbiddlu l-istil tal-ħajja tagħhom biex jippruvaw modi oħrajn ta’ trasport?
- Taħseb li hemm setturi tal-popolazzjoni li jridu li l-affarijiet jibqgħu l-istess?
- Taħseb li hemm futur f’Malta għal karozzi li jħallu inqas impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bnedmin, bħall-karozzi elettriċi, jew mezzi oħrajn tat-trasport li ssemmew diġà?

## F’Malta Hawn Iktar *Mobiles* milli Nies: Vantaġġi u Żvantaġġi

- Statistika ppubblikata f’Ġunju tal-2012 mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni turi li f’Malta hawn 521,748 linja tal-*mobiles*.
- Kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta’ linji telefoniċi għall-*mobiles* fuq is-sena ta’ qabel.
- Għaliex il-*mobile* huwa daqshekk popolari? X’inhuma l-vantaġġi li jkollok *mobile*?
- X’vantaġġ għandu fuq it-telefon bil-linja fissa?
- L-istatistika turi li kien hawn ukoll 232,193 linja fissa, 15,433 linja inqas milli kien hawn fl-2010.
- Imma jidher li l-Maltin jippreferu l-linja l-fissa biex jitkellmu fit-tul fuq it-telefon.
- Il-Maltin huma konxji mill-ħsara li jistgħu jikkawżaw ir-raġġi tat-telefonija ċellulari fuq is-saħħa tal-bnedmin, speċjalment it-tfal u l-anzjani?
- Il-*mobiles* jgħinuna biex nikkomunikaw iktar bejnietna, jew ifixklu u jxekklu l-komunikazzjoni?
- Il-*mobiles* jinterrompu l-laqgħat u l-konverżazzjonijiet, ifixklu l-mistrieħ...
- Il-*mobile* llum sar ċentru sħiħ ta’ faċilitajiet (posta elettronika, internet, mużika, magna tar-ritratti...). Il-*mobile* sar qisu dinja għalih li faċilment tintilef fih u tinsa lil min għandek madwarek. Taqbel?
- Jew huwa strument li jlaqqa’ n-nies flimkien, għax jistgħu, ngħidu aħna, jaraw ir-ritratti u jisimgħu l-mużika maġenb xulxin?
- Taħseb li l-Maltin huma “skjavi” tal-*mobile* iktar minn ġnus oħrajn?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | is-7 ta' SETTEMBRU 2012 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma.

*30 marka*

1. Fuq il-baħar.
2. L-ispirazzjoni u d-determinazzjoni.
3. Affarijiet li ngħaddi mingħajrhom.
4. Kull qatra tgħodd.
5. Il-mera ma tigdibx.
6. Min jitwieled tond jista' jmut kwadru?

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Ikkummenta fuq xi aspetti tal-iżvilupp semantiku li seħħ fil-lingwa Maltija tul iż-żmien.
2. Fil-formazzjoni tal-kliem, il-Malti jinqeda kemm b'għeruq Semitiċi, kemm bi zkuk morfemiċi Rumanzi u Ingliżi. Iddiskuti dawn l-aspetti differenti tal-morfoloġija tal-Malti u kkummenta wkoll fuq xi kliem li jlaqqa' l-element Rumanz jew Ingliż mal-element Semitiku.
3. Ikkummenta fuq il-mod kif, matul iż-żmien, kliem u elementi lingwistiċi oħrajn ta' nisel Rumanz u Ingliż tħalltu mal-bażi Għarbija tal-ilsien Malti.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Il-poeti Maltin jitkellmu b'taħlita ta' mħabba u rabja dwar il-ġens Malti u b'hekk joħorġu dawk li huma jqisuhom bħala l-kwalitajiet sbieħ u n-nuqqasijiet tiegħu. Ikkummenta.

2. Tema rikorrenti fil-poeżija Maltija ta' qabel u wara l-Indipendenza hija d-diffikultajiet fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin. Fisser dan u agħti eżempji.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss.

*20 marka*

1. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer hemm mument meta jidher li l-Gvernatur, bl-awtorità u bil-preżenza "materna" tagħha, jirnexxilha "tirriforma" lill-protagonista. Taħseb li jirnexxilha tbiddlu għalkollox lil Menz?

2. Oliver Friggieri jsostni li l-kawża tal-mewt ta' Menz mhix ċara. Jgħid li "Menz seta' miet il-mewta naturali tiegħu," imma "seta' ngħata l-velenu minn Tereża." Għaldaqstant, "Ebejer jissuġġerixxi u ma jikkonkludix." Taqbel ma' din l-analiżi ta' Friggieri? X'tip ta' effetti joħloq tmiem bħal dan?

3. Ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer iqanqal għadd ta' mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni, kultant diffiċli, bejn, minn naħa, il-kotba u l-għarfien li joffru, u, min-naħa l-oħra, il-fidi Kattolika. Iddiskuti.

4. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, x'inhuma d-differenzi u x-xebh bejn ir-relazzjoni ta' Leli ma' ommu s-Sa Marjann u dik li għandu maż-żewġ nisa l-oħrajn li hemm f'ħajtu, Vira u Klara Buqerq?